*-mandat t'inibizzjoni*

*-miċħud*

MALTA

**QORTI ĊIVILI**

**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**GRAZIO MERCIECA LL.D.**

Digriet Kamerali tal- 5 t'Awwissu 2019

Mandat ta' Inibizzjoni Numru 822/2019GM

Claudette Vella (ID 432365M)

vs

Patrick Griscti Soler bin il-mejjet Frank Griscti Soler

u May nee' Azzopardi, imwieled Sliema fil-11 ta'

Jannar 1952 u residenti Balzan ID 93552(M)

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ippreżentat fl-20 ta' Ġunju 2019 minn Claudette Vella (minn issa 'l quddiem imsejjħa "ir-rikorrenti"), li permezz tiegħu talbet il-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni kontra Patrick Griscti Soler (minn issa 'l quddiem imsejjħin "l-intimat") biex jinżamm milli jagħmel l-iżvilupp ivi indikat fil-fondi 3,4 u 5 Triq Sant'Andrija, San Giljan;

Rat id-digriet tagħha tal-istess data li permezz tiegħu laqgħet ir-rikors proviżorjament, tat lill-intimat żmien għar-risposta, u appuntat ir-rikors għas-smiegħ għall-11 ta' Lulju 2019;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-11 ta' Lulju 2019 li fiha l-avukati ttrattaw ir-rikors u l-intimat ippreżenta Dok PGS1;

Rat li l-kawża ġiet differita għas-16 ta' Lulju 2019 għall-informazzjoni ulterjuri;

Rat il-verbal tagħha tas-16 ta' Lulju 2019 fejn l-intimata talbet iktar żmien biex teżamina d-dokumenti relattivi u l-partijiet awtorizzaw lill-Qorti tiddekreta oltre t-30 jum preskritt mil-liġi peress li kien hemm possibilita` ta' transazzjoni u ddifferiet ir-rikors għat-30 ta' Lulju 2019 għall-informazzjoni;

Rat in-nota tar-rikorrenti ppreżentata fid-29 ta' Lulju 2019;

Semgħet ix-xhieda tal-intimat fl-udjena tat-30 ta' Lulju 2019;

Rat l-atti tar-rikors u tal-mandat inklużi d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat:

Illi r-rikorrenti għażlu li jitolbu l-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni, li il-liġi tgħoddu bħala wieħed mill-atti kawtelatorji (Artiklu 830(1)(ħ) kodiċi ritwali);

Illi l-liġi tgħid ukoll li "**Il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet**"[1];

Illi minn dawn il-kliem testwali tal-liġi, jirriżulta li huma dawn iż-żewġ elementi li l-leġislatur irid li jiġu sodisfatti għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni – xejn iżjed u xejn inqas;

Illi l-intimat ikkonferma bil-ġurament li ma kienx sejjer jagħmel xogħlijiet li jilledu jeddijiet tar-rikorrenti kif elenkati fir-raba' paragrafu tar-rikors promotur tar-rikorrenti anke billi biddel il-pjanti u li nforma b'dan lir-rikorrenti;

Għal dawn il-motivi:

Tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha tal-20 ta' Ġunju 2019 li permezz tiegħu laqgħet it-talba proviżorjament;

Tiċħad it-talba.

[1] Art 873(3) KOPĊ

Kull parti tbati l-ispejjeż tagħha.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA